MALTA

# QORTI TAL-APPELLI KRIMINALI (INFERJURI)
# MALTA

**ONOR. IMHALLEF**
**GALEA DEBONO JOSEPH**

Seduta ta' 02 ta' Ottubru, 2002

Appell Kriminali Numru. 190/1993/1

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Cachia)
(illum Deputat Kummissarju)
Vs.
Nicola Farrugia
John Bugeja
Loreto Bonello
U
Omissis

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja :

1) Talli f'dawn il-Gzejjer matul dawn l-ahhar xhur (qabel is-16 ta' Novembru, 1983) b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ikkommettew

serq ta' television tal-kulur, numru 26 – 002843 tal-marka Grundig, li l-valur tieghu huwa ta' aktar minn mitt (LM100) lira izda anqas minn hames (LM500) mitt lira, ghad-dannu ta' Charles Farrugia, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, mezz, valur, lok u hin;

2) Talli John Bugeja u Loreto Bonello:

a) ikkommettew serq ta' karozza numru X 0546 tal-ghamla Ford Escort, li l-valur taghha huwa ta' aktar minn elf (LM1000) lira ghad-dannu ta' Joseph Spiteri;
b) serq ta' karozza numru E 0265 tal-ghamla Ford Escort li l-valur taghha huwa ta' aktar minn elf (LM1000) lira, ghad-dannu ta' John Refalo;
c) serq ta' karozza numru X 1208 tal-ghamla Ford Escort, li l-valur taghha huwa ta' aktar minn elf (LM1000) lira, ghad-dannu ta' George Formosa, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u l-hin;
d) Ikkagunaw hsara ta' aktar minn hamsin (LM50) lira izda anqas minn hames mitt (LM500) lira fuq l-imsemmija karozza numru X 1208, ghad-dannu ta' l-imsemmi George Formosa;
e) Serq ta' zewg (2) lilos li l-valur taghhom huwa ta' anqas minn ghaxar (LM10) liri, mill-istess karozza numru X 1208 ghad-dannu ta' David Ogilio, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-hin;
f) Serq ta' karozza numru R 0572 tal-ghamla Truimph li l-valur taghha huwa ta' aktar minn elf lira (LM1000) ghad-dannu ta' Francis Saviour Naudi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u hin;
g) Ikkagunaw hsara volontarja ta' aktar minn hamsin (LM50) lira izda anqas minn hames mitt (LM500) lira fuq l-istess karozza numru R 0572 ghad-dannu tal-istess Francis Saviour Naudi;
h) Serq ta' karozza numru R 4514 tal-ghamla Triumph li l-valur taghha huwa ta' aktar minn elf (LM1000) lira, ghad-dannu ta' Francis Scerri, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-hin;
i) Serq ta' karozza numru S 8285 tal-ghamla Datsun, u hwejjeg li l-valur taghhom huwa ta' aktar minn elf (LM1000) lira, ghad-dannu ta' Winston Carbone;

j) Serq ta' karozza tal-ghamla Ford Escort, numru mhux maghruf u stereo radio cassette u zewg (2) speakers tal-marka Roadstar, li l-valur taghhom huwa ta' aktar minn elf (LM1000) lira, ghad-dannu ta' persuna mhux maghrufa;
k) Serq ta' stereo cassette radio tal-marka Aiwa u zewg (2) speakers tal-marka Pioneer, li l-valur taghhom huwa ta' aktar minn hamsin (LM50) lira izda anqas minn hames (LM500) mitt lira, minn karozza numru mhux maghruf, ghad-dannu ta' persuna mhux maghrufa;
l) Serq ta' fanal ahmar, li l-valur tieghu huwa ta' aktar minn ghaxar (LM10) liri izda anqas minn mitt (LM100) lira, ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta, liema serq huwa aggravat bil-hin;

3) Talli John Bugeja, Loreto Bonello u Silvio Pace:

a) ikkommettew serq ta' karozza numru S 3650 tal-ghamla Triumph, li l-valur taghha huwa ta' aktar minn elf (LM1000) lira, ghad-dannu ta' Alfred Vella;
b) Serq ta' karozza numru N 7904 tal-ghamla Hillman Imp u accessorji li l-valur taghhom huwa ta' aktar minn elf (LM1000) lira, ghad-dannu ta' Carmel Galea;
c) Serq ta' karozza numru T 8374 tal-ghamla Austin 1100 u hwejjeg u accessorji li l-valur taghhom huwa ta' aktar minn elf (LM1000) lira, ghad-dannu ta' Bernard Scicluna, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-hin u bil-vjolenza;
d) Serq ta' karozza numru T 0667 tal-ghamla Hillman Hunter u accessorji li l-valur taghhom huwa ta' aktar minn elf (LM1000) lira, ghad-dannu ta' Pio Camilleri, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza;
e) Serq ta' karozza numru S 0870 tal-ghamla Triumph li l-valur taghha huwa ta' aktar minn elf (LM1000) lira, ghad-dannu ta' Silvio Camilleri;
f) Serq ta' karozza numru X 0771 tal-ghamla Hillman Hunter u accessorji li l-valur taghhom huwa ta' aktar minn elf (LM1000) lira, ghad-dannu ta' George Pace;
g) Serq ta' stereo radio cassette u zewg (2) speakers tal-marka Roadstar u accessorji li l-valur taghhom huwa ta' aktar minn mitt (LM100) lira izda anqas minn hames

mitt (LM500) lira, minn karozza numru R 4514 ghad-dannu ta' Francis Scerri;

4) Talli Nicola Farrugia, John Bugeja u Loreto Bonello:
a) ikkommettew serq ta' karozza numru X 0407 tal-ghamla Ford Escort u accessorji li l-valur taghhom huwa ta' aktar minn elf (LM1000) lira ghad-dannu ta' Joseph Stivala, liema serq huwa aggravat bil-mezz, vjolenza u hin;
b) Serq ta' trakk numru G 0230 tal-ghamla Bedford li l-valur tieghu huwa ta' aktar minn elf (LM1000) lira, ghad-dannu ta' Charles Azzopardi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, vjolenza u hin;
c) Serq ta' fallakki, travetti, ghodda u revolver li l-valur taghhom huwa ta' aktar minn elf (LM1000) lira, ghad-dannu ta' Charles Azzopardi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, vjolenza u hin;
d) Bla ordni skond il-Ligi ta' awtorita' kompetenti, arrestaw, zammew jew issekwestraw lil Joseph Falzon, kontra l-volonta' tieghu;
e) bil-vjolenza ikkommettew stupru fuq il-persuna ta' Joseph Falzon;
f) minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' Joseph Falzon f'periklu car, ikkagunawlu feriti ta' natura hafifa salva kumplikazzjonijiet, kif iccertifika Dr. Schembri M.D. tal-isptar San Luqa;
g) uzaw vjolenza sabiex geghelu lil Joseph Falzon ihalli isir jew jonqos milli jaghmel xi haga;
h) Garrew u zammew arma tan-nar (revolver) u munizzjon minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

5) Talli John Bugeja :

a) saq diversi karozzi minghajr licenzja tas-sewqan u ghalhekk ma' kienx kopert b'polza tas-sigurta' ghar-riskju ta' terzi persuni;
b) B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis a' regolamenti, ikkaguna hsara fuq karozza numru T 0667 ghad-dannu ta' Pio Camilleri u karozza numru R 2275 ghad-dannu ta' Francis Ebejer;

6) Nicola Farrugia, John Bugeja u Loreto Bonello saru recedivi billi b'sentenzi tal-Qorti Kriminali kienu gew misjuba hatja ta' delitti;

7) Loreto Bonello huwa akkuzat ukolli talli kiser il-provediment tal-Artikolu 9 tal-Att XII/1957 li gie moghti b'sentenza tal-Qorti Kriminali.

Rat l-Artikoli tal-Ligi li l-Avukat Generali baghat lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) (Fol 395 u 395 a tergo Vol. II tal-process) u li tahthom deherlu li tista tinstab htija kontra t-tlitt appellanti jew uhud minnhom.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 t'April, 1993  fejn sabet lill-imputati Nicola Farrugia, John Bugeja u Loreto Bonello hatja tar-reati ta' serq kontinwat kwalifikat bil-vjolenza, valur, lok u hin, sekwestru tal-persuna aggravat, recidivita', attentat ghal pudur bi vjolenza, offiza fuq il-persuna ta' natura hafifa, hsara involontarja, sewqan bla licenzja u minghajr insurance cover, u pussess ta' arma tan-nar minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u lill-imputat Loreto Bonello hati ukoll talli kiser il-kondizzjoni tal-liberta' kondizzjonata akkordata lilu mill-Qorti tal-Magistrati fl-24 ta' Gunju 1983, (wara li kienet sabitu hati ta' reat ta' serq kontinwat a tenur tal-Artikolu 261(b)(c)(f) tal-Kap 9), u wara li rat l-Artikoli 261 (a)(c)(e)(f), 262(1)(b), 267, 269, 270, 276, 277, 20, 279, 280, 281, 289, 31, 86, 87(c), 49, 50, 207, 202(d), 214, 215, 221(1), 328(d), tal-Kap 9 u l-Artikoli 3(1) u 27 tal-Kap 66, l-Artikolu 15(1)(3) tal-Kap 65, u l-Artikolu 3(1)(2) tal-Kap 104, u l-Artikolu10(a) tal-Kap 152, u l-Artikolu 533 tal-Kap 9 ikkundannat :

Lill-imputat John Bugeja ghal piena ta' prigunerija ghal zmien sitt snin, oltre multa komplessiva ta' mija u hamsin lira Maltin (LM150) in kwantu ghal ksur tal-Artikoli 3 tal-Kap 65 u 104 u di piu skwalifikat lil dan l-imputat milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax il-xahar;

Lill-imputat Loreto Bonello ghal piena ta' prigunerija ghal zmien hames snin;

Lill-imputat Nicola Farrugia ghal piena ta' prigunerija ghal zmien hames snin;

Lit-tlett imputati ihallsu fi kwoti ta' terz kull wiehed l-ispejjes tad-dokument WCT (Fol.70) u WCT (Fol.151) cioe' LM 34.20 u LM 10.90;

Illi mill-imsemmija perjodi ta' prigunerija ghandu jitnaqqas iz-zmien li dawna inzammu taht arrest preventiv in konnessjoni mal-kawza odjerna.

Rat ir-rikors ta' l-appellant John Bugeja minnu pprezentat fil-5 ta' Mejju, 1993, fejn bih talab lil din il-Qorti, joghgobha tirrevoka w thassar is-sentenza w tilliberah minn kull imputazzjoni w htija.

Rat ir-rikors ta' l-appellant Loreto Bonello minnu pprezentat fil-5 ta' Mejju, 1993, fejn bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka w thassar is-sentenza w tilliberah minn kull imputazzjoni w htija.

Rat ir-rikors ta' l-appellant Nicola Farrugia minnu pprezentat fit-3 ta' Mejju, 1993 fejn bih talab lil din il-Qorti joghgobha fil-waqt li tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabitu hati ta' sewqan minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija u minghajr ma kien kopert b'polza t'assikurazzjoni u okkorrendo fejn sabitu hati ta' serq ta' zewg vetturi li kienu imputabbli ghalih, tvarja l-istess sentenza in konfront tal-piena inflitta fis-sens illi minflok piena ta' natura karcerarja takkordalu kull piena ohra alternattiva u okkorrendo taghti kull provvediment iehor li jkun jidhrilha xieraq.

Rat illi l-aggravji tal-appellant JOHN BUGEJA , fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti u cioe' li :- l. ma jirrizultax li fis-sentenza appellata nstabet htija kontra l-appellant li jismu "John Bugeja" u ghalhekk jidher li ma hemm ebda sentenza moghtija fil-konfront tieghu ; 2. li anki jekk il-Qorti temmen il-partecipazzjoni tieghu , ghandha tilliberah mill-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu minhabba li fl-istat mentali tieghu, ma kienx responsabbli ghall-

azzjonijiet tieghu ; 3. illi din il-Qorti ma ghandhiex tiehu konjizzjoni tal-istatement tal-appellant ghax dan ma sarx volontarjament u ttiehed illegalment wara li kien ilu fil-kustodja tal-Pulizija ghall-erbat ijiem ; 4. li l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi tal-fatti b' mod li ma gietx pruvata "beyond a reasonable doubt" il-partecipazzjoni tieghu fir-reati kollha imsemmija ; 5. illi jidher li l-Ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni il-mahfriet kollha presidenzjali u indulgenzi vigenti meta ffissat il-piena u li din hija "ultra vires" u 6 . li l-piena fic-cirkostanzi kollha kienet ferm eccessiva.

Rat li l-aggravji tal-appellant LORETO BONELLO , fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti , u cioe' :- 1. illi -Ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi tal-fatti b'mod li ma gietx pruvata "beyond a reasonable doubt" il-partecipazzjoni tieghu fir-reati kollha imsemmija ; 2. illi l-Ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-mahfriet presidenzjali kollha u l-indulgenzi vigenti meta ffissat il-piena b'mod li fil-piena li infliggiet marret "ultra vires" ; u 3. illi l-piena fic-cirkostanzi kollha u tenut kont tat-trapass taz-zmien kienet ferm eccessiva .

Rat illi l-aggravji tal-appellant NICOLA FARRUGIA , fil-qosor jikkonsistu fis-segwenti u cioe' :- 1. illi l-Ewwel Qorti zbaljat meta sabet lill-appellant hati tar-reat ta' sewqan bla licenzja u minghajr insurance cover stante li hu lanqas biss kien akkuzat b'dan ; u 2. li l-piena inflitta mill-ewwel Qorti kienet eccessiva wisq u dan ghax l-Ewwel Qorti a. qieset biss l-attenwanti illi l-bicca l-kbira tar-re furtiva giet rekuparata mid-derubati ; b. illi l-appellant tpogga fl-istess keffa bhall-imputati l-ohra meta hu kien involut biss f'zewg serqiet ta' vetturi ; c. illi l-Ewwel Qorti ma qablitx li t-trapass taz-zmien bejn id-delitt u s-sentenza ghandu jservi bhala fattur attenwanti ; d. illi din il-Qorti diversament preseduta , b'sentenza tas-26 t' April, 1991 , dwar reat iehor kommess mill-appellant ,kienet illiberatu bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlitt snin u poggietu taht is-supervizjoni ta' welfare officer u li dak iz-zmien l-appellant kien gja bniedem mibdul u baqa' jigi segwit fil-progress tieghu mill-istess welfare

officer u dan imissu ttiehed in konsiderazzjoni mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

Rat l-atti kollha processwali quddiem l-Ewwel Qorti , kif ukoll dawk tar-riferenza Kostituzzjonali quddiem il-Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) li saret bid-digriet tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' Lulju, 1989 wara l-verbal tad-Difiza registrat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-seduta tat-3 t' April, 1989 . Din ir-riferenza kienet giet dikjarata nulla b' Digriet tal-Qorti Civili, Prim' Awla (Sede Kostituzzjonali) tal-24 ta' Novembru, 1989 u dik il-Qorti ordnat li l-atti relattivi jintbaghtu lura lill-Qorti tal-Magistrati ghall-kontinwazzjoni tal-proceduri quddiemha skond il-ligi . Ghal xi raguni dan ma sarx u l-atti quddiem il-Qorti tal-Magistrati baqghu differiti "sine die" u r-riferenza baqghet pendenti sakemm fit-12 ta' Marzu, 1992 , l-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) ivverbalizzat li ma kienx jidher li ghad hemm interess u bzonn li dik il-Qorti tkompli bil-proceduri u ghalhekk astjeniet milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-rinviju u ordnat li dak il-verbal jigi komunikat per mezz tar-Registratur lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex is-smiegh tal-kawza jitkompla skond il-ligi .

Rat l-atti kollha processwali quddiem din il-Qorti diversament preseduta , inkluz il-verbal tas-seduta tat-28 t'Ottubru, 1993 li bih il-kawza giet differita ghas-sentenza ghal 11 ta' Jannar, 1994 , sentenza li pero' baqghet ma nghatatx ghal disa' snin shah sakemm il-process gie assenjat lil din il-Qorti kif illum preseduta. Illi jigi notat li whud mid-differimenti biex ma nghatatx is-sentenza gew provokati minn rikorsi tal-appellant Nicholas Farrugia jew tad-difensur tieghu li talbu differimenti ghal raguni ta' safar jew ta' korriment u inkapacita' li jattendi l-Qorti tal-appellant Farrugia , jew mill-assenza tal-appellant Loreto Bonello u John Bugeja , daqqa ta' wiehed u daqqa tal-iehor jew tat-tnejn flimkien, jew ghax il-Qorti diversament preseduta kellha bzonn aktar zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza jew ghax kienet indisposta kif ukoll ghax f' xi okkazzjonijiet meta l-kawza kienet tkun differita ghas-sentenzi xi hadd mill-appellanti kien jipprezenta xi nota b'dokumenti . Insomma jidher li sar minn kollox biex dan l-

appell jitwal inutilment  u jkarkar ghal disa snin shah bla bzonn .

Rat ukoll in-nota tal-appellanti John Bugeja u Loreto Bonello tal-11 ta' Frar, 1994 , minnhom mitluba minn din il-Qorti diversament preseduta fejn "inter alia"  iddikjaraw li kienu lesti li jaghmlu tajjeb  ghall-uhud mid-danni li sofrew is-sidien tal-oggetti derubati u li ma jsibux oggezzjoni li l-oggetti misruqa esebiti jigu rtirati mis-sidien rispettivi taghhom  , kif ukoll in-nota tal-appellant Nicholas Farrugia tal-15 ta' Frar, 1994  fl-istess sens.

Rat in-Nota ta' Riljev tal-Avukat Generali  tat-23 ta' Frar, 1994 , fejn gie rilevat li minn-noti prezentati mill-appellanti imsemmija fil-paragrafu precedenti , jidher evidenti li l-uniku kumpens reali li sar lid-derubati huwa permezz tal-oggetti li gew materjalment elevati mill-Pulizija u kien ghalhekk proprju mertu  biss tal-Pulizija  u li wiehed isibha difficli jemmen kif dak li l-appellanti qed jippromettu fin-noti taghhom li jikkompensaw lid-derubati jista' effettivament jigi mwettaq meta dak li ma ghamlux minn meta gew akkuzati fis-sena 1983  sa dak iz-zmien ,  setghu jaghmluh minn dak in-nhar il quddiem .

Rat il-verbal  ta' din il-Qorti kif preseduta  fl-ewwel seduta li fiha hadet konjizzjoni tal-process u cioe' fit-28 ta' Frar, 2002  u fejn  kellha terga tibda ssir it-trattazzjoni mill-gdid tal-appell   fl-ahjar interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja , billi ma kienx hemm  traskrizzjoni tat-trattazzjoni li saret qabel  quddiem din il-Qorti diversament preseduta.

Rat il-fedini penali  aggornati tal-appellanti li gew esebiti fid-diversi stadji tal-process .

Rat it-tlitt rapporti prezentati mill-Probation Officer Mariella Camilleri  fir-rigward tat-tlitt appellanti fis-seduta tat-30 ta' Mejju, 2002;

Rat il-verbal Taghha tat-30 ta' Mejju , 2002 , li bih iddifferiet il-kawza ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum bil-fakolta' li l-Prosekuzzjoni taghmel Nota ta' Referenzi dwar

il-punt sollevat mid-difiza ta’ John Bugeja dwar il-volontarjeta’ tal-istqarrija kif ukoll dwar il-punt tat-trapass taz-zmien li gew trattati fl-istess seduta u dan sal-15 ta‘ Gunju, 2002 , bil-visto tad-difensuri , u bil-fakolta‘ li d-difensuri jaghmlu nota ta‘ riferenzi responsiva sat-30 ta’ Gunju, 2002 fuq l-istess suggett .

Rat in-nota tal-appellant John Bugeja tad-19 ta’ Gunju 2002 ,li biha ghamel riferenza ghal tlitt sentenzi rigwardanti konsiderazzjonijiet ta’ piena in konnessjoni ma’ dewmien ta’ proceduri , kif ukoll l-istess sentenzi .

Ikkonsidrat ;

Illi kif gie ritenut ripetutament minn din il-Qorti , fejn si tratta ta’ apprezzament tal-fatti fuq xiehda li jkunu traskritti quddiem l-Ewwel Qorti , din il-Qorti mhux solitu li tiddisturba l-gudizzju u l-apprezzament li tkun ghamlet l-Ewwel Qorti sakemm ma jkunx jirrizulta lil din il-Qorti li l-Ewwel Qorti legalment u ragonevolment qatt ma tkun setghet tasal ghall-konkluzzjonijiet minnha raggunti fuq il-provi li jkunu tressqu quddiemha u li allura l-konkluzzjoni tal-Ewwel Qorti tkun wahda “unsafe and unsatisfactory“ . L-istess , dwar il-piena li tkun giet inflitta mill-Ewwel Qorti , din il-Qorti mhux normali li tiddisturba id-diskrezzjoni li jkollha l-Ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena , sakemm din ma tkunx tohrog barra mill-limiti stipulati fil-ligi jew ma tkunx manifestament sproporzjonata meqjusa ic-cirkostanzi tal-kaz. Stabiliti dawn il-principji generali u punti di partenza , din il-Qorti issa ser tghaddi biex tiddisponi mill-appelli individwali tat-tlitt appellanti fl-ordni li jidhru fl-okkju tal-process.

L-APPELL TA’ NICOLA FARRUGIA.

Illi jidher mill-istess rikors tal-appell li l-uniku ilment li qed jiddeduci dan l-appellant dwar il-htija huwa dak li jirrigwarda s-sejbien ta’ htija tar-reat ta’ sewqan bla licenzja u minghajr insurance cover stante li huwa lanqas biss kien gie akkuzat b’dan . Illi mill-ezami tal-Artikoli li l-

Avukat Generali baghat lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) u li tahthom deherlu li tista' tinstab htija kontra l-appellant Farrugia (Fol. 395 u 395 a tergo , Vol. II tal-process ) jidher li l-appellant kien fil-fatt gie akkuzat taht l-art. 15 (1) (3) tal-Kap.65 u 3 (1) (2) tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta . L-ewwel artikolu fuq citat ikopri proprju l-kaz ta' min isuq motor car jew vettura ohra minghajr licenzja tas-sewqan jew isuqha b'nuqqas ta' kont , bi traskuragni jew b'mod perikoluz . It-tieni artikolu ikopri l-kaz ta' min juza vettura tal-mutur fit-toroq bla ma tkun issehh polza ta' sigurta' dwar ir-riskji ta' terzi persuni skond id-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Assikurazzjoni ta' Vetturi tal-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni. Ghalhekk dan l-ilment kif formulat hu infondat ghax fil-fatt kien hemm akkuza ta' dawn ir-reati kontra l-appellant Farrugia. Mill-istqarrija tal-istess appellant Farrugia (Fol. 38 , Vol. I tal-process) jirrizulta li hu ammetta li kien hu li saq it-truck numru G 0230 li fuq inizjattiva tieghu kien insteraq minnu minn shabu mill-Msida. Pero' fejn dan l-aggravju jista' jkollu certa fondatezza skond din il-Qorti hu li fil-process ma tinstab ebda prova li dan l-appellant ma kellux licenzja tas-sewqan , prova li trid issir mill-Prosekuzzjoni ghax hi qed tallega dar-reat. Di fatti l-uniku xhud li gie prodott biex jixhed dwar licenzji tas-sewqan , David Leone Ganado , (Fol.127 Vol. I tal-process) kif kien mitlub fl-atti tar-rinviju, xehed biss fir-rigward tal-appellant John Bugeja u hadd aktar u dan prezumibilment ghax sa dak l-istadju Bugeja biss kien akkkuzat b'dar-reat u ghalhekk ma nhassitx il-htiega li tingieb dil-prova kontra l-appellant Farrugia . Illi ghalhekk fl-assenza ta' tali prova, l-appellant Farrugia qatt ma seta' jinstab hati ta' dawn ir-reati kif jidher li instab fis-sentenza appellata . Lanqas ma setghet tigi prezunta tali htija ghax per ezempju l-appellant kien ghadu ma ghalaqx it-tmintax il-sena , ghax meta saru l-allegati reati l-appellant Farrugia kellu tlieta w ghoxrin sena u allura mhux eskluz li seta' kellu licenzja tas-sewqan anki biex isuq it-truck in kwistjoni .

Illi pero' ghandu jigi osservat li dan l-appellant ma jidhirx li fil-fatt gie moghti xi kastig jew piena ghal din il-htija fis-sentenza appellata u di fatti kien l-appellant John Bugeja wahdu li gie kundannat ghal dawn ir-reati billi gie

kundannat multa ta' LM150 u skwalifikat milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax il-xahar .

Konsegwentement dan l-aggravju hu fondat biss in kwantu ma saritx il-prova tan-nuqqas ta' licenzja tas-sewqan mill-Prosekuzzjoni u mhux kif formulat , imma xorta wahda ladarba ma gietx inflitta piena fuq l-appellant Farrugia ghar-rigward ta' dawn iz-zewg reati , ma hemmx lok ta' xi disturb fil-piena inflitta ghal dir-raguni biss .

Illi dwar il-piena , huwa fatt li dan l-appellant - kien involut biss f'erba' serqiet u b'paragun mall-appellanti l-ohra, f'dar-rigward il-grad tal-kolpevolezza tieghu kienet ferm inqas minn tal-ohrajn li kienu responsabbli ghal sensiela twila ta' serq u danni f'vetturi . Pero' fir-rigward tar-reat tas-sekwestru tal-persuna ta' Joseph Falzon , l-ippratikar ta' atti sesswali degredatanti fuqu u kontra l-volonta tieghu , u s-swat u l-ikkagunar ta' feriti fuqu , dan l-appellant jirrizulta "ex admissis" li ha parti attiva ukoll. Jirrizulta ukoll li kien recidiv b'sentenza tal-Qorti Kriminali (Guri) tas-26 ta' Lulju, 1982 fejn kien gie kundannat sena habs fuq serq bl-armi , meta kkommetta r-reati in dizamina (ara. fols. 171 - 173 , Vol. I tal-process) apparti sensiela ta' kundanni ghall-reati minuri tat-traffiku . Din il-Qorti qieset ukoll li l-piena inflitta mill-ewwel Qorti ta' hames snin prigunerija kienet kwazi terz tal-piena massima applikabbli meta wiehed iqis li ghal kull reat li rrizulta fil-konfront ta' dan l-appellant jew kien hemm il-figura tar-reat kontinwat u tar-recidiva jew din tal-ahhar biss u dana anki bl-applikazzjoni tal-principju tal-beneficcju tal-konkors tal-pieni skond l-art. 17 (b) tal-Kap.9.

Inoltre, wara li bdew il-proceduri odjerni fis-16 ta' Novembru, 1983 , l-appellant Farrugia ma zammx lura milli jerga jahbat difrejh mall-ligi u l-fedina penali tieghu tkompli turi sensiela ta' reati serji , fosthom ta' serq ta' vettura van fit-3 ta' Jannar, 1985 li ghalih intbaghat sittax il-xahar habs ; frodi f' Awwissu 1985 bi qliegh b'qerq ta' LM1800 ghad-dannu ta' Carmel Abela li ghaliha intbaghat sentejn prigunerija ; tentattiv ta' serq ta' aktar minn

LM10000 minn Garage f' Haz Zebbug fil-21 ta' Mejju, 1985 u frodi ohra bi qliegh ta' LM6000 ghad-dannu ta' Maria Scicluna f'Awwissu tas-sena 1984. Ghalhekk jidher li dawn il-proceduri , ghall-inqas ghall-ewwel sentejn , ma kellhomx l-effett li jrazznu t-tendenzi refrattarji ta' dan l-appellant . Pero' wara l-1985 dan l-appellant ma regax gie akkuzat b'reati serji u nstab hati biss ta' reati li ghandhom x'jaqsmu mat-traffiku fil-maggor parti . Umbaghad ,mir-rapport tal-habs civili riprodott fir-rapport tal-Probation Officer Mariella Camilleri jidher li l-ahhar li hareg mill-habs kien fil-11 ta' Novembru, 1989 , li l-ahhar kundanna li kellu mill-Qorti dwar reat minuri tat-traffic kien fis-16 ta' Frar, 1998 u li fil-prezent ma ghandux kawzi kriminali ohra pendenti hlief din.

Dawn il-fatturi kollha necessarjament iridu jittiehdu in konsiderazzjoni meta aktar 'l quddiem f'din is-sentenza , din il-Qorti tghaddi biex tiddisponi definittivament dwar l-aggravju tal-appellant Farrugia dwar il-piena .

L-APPELL TA' JOHN BUGEJA

Illi l-ewwel aggravju ta' dan l-appellant hu fis-sens li ma jirrizultax li l-Ewwel Qorti sabet htija fil-konfront tieghu, li jismu John Bugeja , ghax il-htija li instabet kienet fil-konfront ta' "JOSEPH" Bugeja. Illi minn ezami akkurat tas-sentenza appellata jidher li l-Ewwel Qorti fl-okkju tas-sentenza , fil-parti preliminari u fil-konsiderazzjonijiet u rizultanzi dejjem irriferiet ghal dan l-appellant korrettement bhala "JOHN BUGEJA" u dana ghamlitu ghal mhux inqas minn disa' darbiet in fila . Hu fatt pero' li meta giet ghad-dikjarazzjoni ta' htija , l-Ewwel Qorti - ovvjament u manifestament bi zball - irriferiet ghal "JOSEPH BUGEJA" . Pero' immedjetament wara dan u fl-istess paragrafu , meta giet ghall-parti tal-kundanna , regghet irreferiet ghall-appellant Bugeja b'ismu korrett u cioe' "JOHN" . Ghalhekk effettivament hu l-appellant John Bugeja w hadd aktar hliefu li gie kunndannat ghal sitt snin prigunerija , multa u sospensjoni tal-licenzja w din il-Qorti ma ghandix dubju dwar dan . Il-"lapsus calami" li hemm fis-sentenza ghax f'okkazzjoni wahda mill-hdax li fiha ssemma l-appellant Bugeja hu gie imsemmi

erronjament bhala “Joseph”, ghallkemm sfortunata , ma ghandux iwassal ghall-konkluzzjoni li tippretendi d-difiza , partikolarment meta fil-parti tal-kundanna l-appellant jissemma b’ismu korrett . Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint.

Illi dwar it-tieni aggravju tal-appellant Bugeja li hu kien ghadu kif tharrab mill-Isptar Monte Carmeli u dan kien indikanti li kien isofri minn mard mentali u ghalhekk ma kienx responsabbli ghall-azzjonijiet tieghu , dan jista’ jinkwadra ruhu biss f’eccezzjoni tad-demenza kif kontemplata fl-art. 33 (a) tal-Kap.9 fejn jinghid li kull persuna tkun ezenti minn responsabilita’ kriminali jekk fil-waqt ta’ l-att jew tan-nuqqas kienet fi stat ta’ genn . Illi din l-eccezzjoni ma jirrizultax li giet qatt sollevata quddiem l-Ewwel Qorti u quddiem din il-Qorti , l-abbli difensur tal-appellant Bugeja, fil-kors tat-trattazzjoni fis-seduta tal-4 t’ April, 2002 , iddikjara “expressis verbis” li l-appellant ma kienx qed jissoleva din l-eccezzjoni f’ dan l-istadju tal-appell lanqas . Ghalhekk dan l-aggravju mhux talli ma giex sostnut bil-provi , anzi minn dak li intqal fit-trattazzjoni orali ta’ dan l-appell gie addirittura rtirat u ghalhekk din il-Qorti ma ghandix ghalfejn tiddilunga ulterjorment fuqu.

Illi it-tielet aggravju li jirrigwarda l-ammissibilita’ tal-istatement tal-appellant bhala prova kontra tieghu hu bazat fuq il-fatt li dan ittiehed illegalment wara li l-appellant kien ilu fil-kustodja tal-Pulizija ghall-erbat ijiem u kwindi aktar miz-zmien stipulat fil-ligi u ghalhekk dan impinga fuq il-volontarjeta’ tal-istess statement . Illi skond ma jirrizulta mill-intestatura tal-statement tal-appellant (Fol.40-43 tal-process) dan ittiehed fl-14 ta’ Novembru, 1983 . Illi mix-xiehda tal-allura Spettur Joseph Cachia rrizulta li l-appellanti Bugeja u Loreto Bonello kienu gew imwaqqfa mill-Pulizija fil-21 ta’ Settembru, 1983. Saret investigazzjoni preliminari u l-appellanti stqarrew xi reati ta’ serq ta’ vetturi . Peress li kien ser jaghalaq iz-zmien, hu kien irrilaxxja lill-appellanti Bugeja u Bonello u qalilhom biex jergghu imorru ikellmuh . Fil-waqt li Bonello kien mar u irrilaxxja stqarrija l-appellant Bugeja ma kienx mar u meta l-Ispettur fittxu ma sabux. Wara aktar tfittix kien

skopra fejn kienu reqdin  Bugeja w Bonello w arresthom fil-11 ta’ Novembru, 1983.  Huma tressqu l-Qorti fis-16 ta’ Novembru, 1983 kif jidher mill-atti tal-prezentata (Fol. 1 Vol I tal-process)  L-appellant Bugeja  meta xehed  fis-17 t’April, 1989  , (Vol. III . fil-405 et seq. tal-process) sostna li kien dam sitt ijiem  arrestat  qabel tressaq il-Qorti  u ma thallix johrog  mid-Depot  tal-Pulizija.  Pero’  l-istqarrija  hi datata 14 ta’ Novembru, 1983 u cioe’  mhux aktar minn tlitt ijiem wara d-data tal-arrest  fil-11 ta’ Novembru, 1983. L-Ispettur  Cachia   li  allura  issa  kien  sar  Supratendent, meta xehed dwar dan fis-seduta tat-23 ta’ Gunju, 1989 (Fol. 420 , Vol. III tal-process ) qal li ma kienx minnu li hu kien zamm lill-appellanti arrestati aktar minn erbgha w ghoxrin siegha  . Qal ukoll li ma tul is-sitt ijiem li  l-imputati gew arrestati w effettivament imressqa l-Qorti   hu ma kienx zammhom arrestati kontinwament izda baghathom id-dar . Umbaghad rega’ ordna l-arrest . Kien ha ftit taz-zmien biex ipprezenthom il-Qorti minhabba l-komplessita’ tal-kaz.  Ma  jirrizultax  x’hin    effettivament  l-appellanti Bugeja u Bonello gew arrestati fil-11 ta’ Novembru, 1983 u lanqas x’hin effettivament saret l-istqarrija mill-appellant Bugeja fl-14 ta’ Novembru  u ghalhekk  seta’ kien il-kaz li l-istqarrija  hadet   tlitt  ijiem  u  xi  sieghet   biex  ittiehdet minnflok   tminja  u  erbghin  siegha.   Jekk  jitwemmen  is-Supt. Cachia li hu baghthom id-dar  allura ma hemm xejn hazin  . Jekk invece  l-istqarrija ittiehdet wara  aktar minn 48  siegha  t’  arrest  mhux  interrott  ,  dan  ghalkemm   ma jirrendix l-istqarrija nulla w inammissibbli  per se, jista’, f’ certi cirkostanzi jimpingi fuq il-volontarjeta’ taghha.  Tenut kont  pero’   tad-dettall  li  fih  dahal  l-appellant  Bugeja  fl-istqarrija  tieghu  u  l-fatt  li  ffirmha  bla  rizervi  ta’  xejn jimmilita kontra din l-ahhar tezi u ghalhekk din l-Qorti , fl-istat tal-provi li ghandha quddiemha thoss li l-Ewwel Qorti kellha  kull    dritt  li  tqis  din  l-istqarrija  bhala  wahda ammissibbli  u  li  tikkostitwixxi  prova  kontra  l-appellant Bugeja li ghamilha w flimkien ma provi ohra li hemm fil-process tasal ghad-dikjarazzjoni ta‘ htija kontra l-appellant Bugeja. Umbaghad , kuntrarjament ghal dak li ntqal fir-rikors tal-appell , din l-istqarrija ma hix “l-unika prova ta’ sustanza  kontra l-imputat” . Di fatti apparti x-xiehda ta’ Joseph  Falzon  dwar  ir-reati  ta’  attentat  ghall-pudur, sekwestru  tal-persuna  aggravat  bil-vjolenza  u  feriti   ta’

natura hafifa fuq l-istess Falzon , ix-xiehda tad-derubati li tikkombacja ma dak li hemm fl-istqarrija w l-offerta tal-appellant li jaghmel tajjeb ghall-hsarat u nuqqasijiet li sofrew id-derubati li saret bin-nota tal-11 ta' Frar, 1994 fuq imsemmija huma provi u cirkostanzi sodi bizzejjed biex ma jhallu ebda dubju dwar il-htija li sabet l-Ewwel Qorti . Ghalhekk anki dan l-aggravju qed jigi respint .

Illi ir-raba' aggravju generiku li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi fic-cirkostanzi fuq deskritti hu infondat . Diga intqal li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti hlief fejn din il-Qorti tkun thoss li l-Ewwel Qorti qatt ma setghet tasal ragonevolmernt u legalment ghad-dikjarazzjoni ta' htija tal-appellant fuq il-provi li kellha quddiemha. Dan mhux il-kaz u din il-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti kellha provi bizzejjed biex tasal ghad-dikjarazzjoni ta' htija li waslet ghaliha fil-konfront tal-appellant Bugeja b'mod "safe u satisfactory" .

Illi dwar il-hames u s-sitt aggravji li jirrigwardaw il-piena, fl-ewwel lok l-appellant qajjem il-kwistjoni li l-Ewwel Qorti ma qiesetx il-mahfriet presidenzjali kollha w indulgenzi vigenti meta ffissat il-piena . Illi minn kalkolu li ghamlet din il-Qorti fil-konfront tal-appellant Bugeja , l-piena massima applikabbli ghalih bl-aggravanti tar-reat kontinwat u tar-recidiva, kif ukoll bl-applikazzjoni tal-beneficcju tal-konkors tal-pieni mahsub fl-art. 17 (b) tal-Kap.9 kienet tirrazenta s-sittax il-sena prigunerija . Ghalhekk il-piena ta' sitt snin habs zgur li ma tohrogx barra mill-parametri tal-ligi . Illi jekk umbaghad dan l-appellant kien intitolat li jibbenefika minn xi mahfriet jew indulgenzi - li ma gewx specifikati fir-rikors tal-appell u inqas u inqas fil-kors tat-trattazzjoni orali mill-abbli difensur - ikun jispetta lill-awtoritajiet tal-habs li japplikaw dawn fil-konfront tal-persuna sentenzjata jekk din tkun intitolata ghalihom u mhux lill-Qorti li taghti s-sentenza ta' piena karcerarja. Quddiem din il-Qorti w quddiem l-Ewwel Qorti ma tressqet ebda prova jew argument dwar l-applikazzjoni ta' xi mahfra jew indulgenza partikolari applikabbli ghal-kaz u ghalhekk ghal dak li jirrigwarda l-appell odjern dan l-aggravju jidher bla bazi u qed jigi

respint , salv kull dritt “si et quatenus” li l-appellant - jekk ikun il-kaz - jesigi d-drittijiet tieghu ghal xi mahfra jew indulgenza mill-awtoritajiet tal-habs .

Illi umbaghad dan l-appellant instab hati ta’ reat kontinwat ta’ sensiela formidabbli ta’ serq ta’ u minn vetturi u danni fl-istess, sekwestru tal-persuna ta’ Joseph Falzon li saret fuq istigazzjoni u inizjattiva tieghu, assoggettar ta’ l-istess Falzon ghal attentat ghall-pudur bil-vjolenza konsistenti f’ atti sesswali degradanti u perversi u swat u offizi ta’ natura hafifa fuqu biex ipattihielu talli kien kixfu mall-Pulizija ; serq bi sgass minn dar privata , pussess ta’ arma u munizzjon bla licenzja, sewqan bla licenzja u bla polza ta’ assikurazzjoni dwar ir-riskji ta’ terzi , w dana kollu meta kien recidiv ghax kien diga gie kundannat diversi drabi fuq serq ta’ numru konsiderevoli ta’ vetturi u sahansitra kien gja inbaghat darbtejn il-habs in konnessjoni ma dawn ir-reati darba b‘sentenza tal-14 ta’ Gunju, 1982 ta’ din il-Qorti u darb’ohra b’sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-24 ta‘ Gunju, 1983 , qabel ma gie akkuzat f’dan il-process . (Fols 165 - 170 u fols. 179-185 tal-process) .

Inoltre anki wara li gie akkuzat bir-reati mertu ta’ din il-kawza fis-16 ta’ Novembru, 1983 ,l-appellant Bugeja jidher li baqa’ ghaddej bil-hajja tieghu refrattarja u kiseb diversi kundanni ohra fosthom ta’ habs ghall-serq ta’ u danni f’diversi vetturi u kundanna ghal serq ta’ lanca u tentattiv ta’ zbarkar ta’ persuni llegalment liema kundanna ggib id-data tas-27 ta’ Mejju, 1999 ghal reat kommess fit-28 t’Ottubru, 1998 . Dana oltre numru ta’ reati ohra serji kommessi tul dan il-periodu kollu mill-1983 ’l hawn .

Ghalhekk anki fil-kaz ta’ dan l-appellant jidher li dawn il-proceduri ma kellhomx l-effett li jrazznu l-kondotta refrattarja tal-appellant , anzi minkejja li oltre s-sentenzi ta’ habs imsemmija hu inghata ukoll il-beneficcju tal-art. 5 u l-art. 9 tal-Kap.152 f’xi sentenzi ohra, huwa xorta wahda baqa’ jippersisti fil-hajja kriminuza tieghu .

Dawn il-fatturi kollha necesarjament iridu jitqiesu minn din il-Qorti meta aktar ‘l isfel f’dis-sentenza tiddisponi

definittivament dwar l-aggravju dwar il-piena tal-appellant Bugeja.

L-APPELL TA’ LORETO BONELLO .

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant Bonello jirrigwarda l-apprezzamernt hazin tal-provi tal-fatti b’mod li ma gietx ippruvata “beyond a reasonable doubt” il-partecpazzjoni tieghu fir-reati msemmija. Illi dan l-aggravju jidher infondat meta wiehed iqis l-istatements tal-appellant rilaxxjati fil-21 ta’ Settembru, 1983 , dak in-nhar li ingabar mill-Pulizija l-ewwel darba u fit-12 ta’ Novembru, 1983, l-ghada li ingabar it-tieni darba. Dawn l-istatements dettaljatissimi u ffirmati mill-appellant Bonello jikkostitwixxu l-aqwa prova tal-htija tieghu apparti mix-xhieda ta’ Joseph Falzon li kien il -vittma tal-atti sesswali degradanti li gew ippratikati fuqu bi vjolenza u bi tpattija. (Fol. 90-95 , Vol. I tal-process) u li iddeskriva kif dan l-appellant dahhallu l-pene tieghu f’halqu u uza vjolenza fuqu billi dahhallu subajh go imniehru u fagru wara li kien, flimkien mall-appellanti l-ohrajn, issekwestrah . Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi respint bla ebda htiega ta’ dilungar aktar ghax l-Ewwel Qorti altru milli kellha provi konkreti bizzejjed biex tasal ghad-dikjarazzjoni ta’ htija li waslet ghaliha u dana minghajr ebda dubju dettat mir-raguni u din il-Qorti m’ghandix ghalfejn tiddisturba d-decizjoni tal-ewwel Qorti fir-rigward tal-apprezzament tal-provi li kellha quddiemha. L-unika riflessjoni li taghmel hi li ma jirrizultawx l-imputazzjonijiet ta’ sewqan bla licenzja w bla insurance fil-konfront ta’ dan l-appellant kif donnu jista’ jinghata x’jifhem mill-qari tas-sentenza appellata. Di fatti l-istess Qorti tal-Magistrati , fis-sentenza appellata , ddikjarat li “l-karozzi kollha li insterqu nsaqu mill-imputat John Bugeja li m’ghandux licenzja tas-sewqan “ u fil-fatt l-Ewwel Qorti ma imponiet ebda kastig jew piena fuq l-appellant Bonello ghal dawn iz-zewg reati , kif ghamlet fil-kaz tal-appellant Bugeja.

Illi dwar it-tieni aggravju li l-Ewwel Qorti ma haditx in konsiderazzjoni l-mahfriet presidenzjali kollha w l-indulgenzi vigenti meta ffissat il-piena , japplikaw l-istess konsiderazzjonijiet li saru aktar il fuq f’din is-sentenza

meta kien qed jigi konsidrat l-appell tal-appellant Bugeja u ghal-istess motivazzjonijiet dan l-aggravju qed jigi dikjarat infondat .

Illi l-aggravju li l-piena kienet eccessiva fic-cirkostanzi u tenut kont tat-trapass taz-zmien , jigi osservat li anki dan l-appelant instab hati ta' reat kontinwat ta' sensiela formidabbli ta' serq ta' w minn karozzi u danni fl-istess, sekwestru tal-persuna bil-vjolenza , attentat ghall-pudur ta' Joseph Falzon bl-aktar mod degradanti u pervers , swat u feriti hfief fuq l-istess Falzon , serq bi sgass minn dar , pussess t' armi u munizzjon bla licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija. Dan kollu meta l-appellant Bonello kien recidiv b' sentenza tal-1 ta' Novembru, 1982 dwar danni volontarji u serq (Fols. 186-188 , Vol.I tal-process) u tal-24 ta' Gunju, 1983 (Fols. 179-185 , Vol.I tal-process) dwar serq ta' vetturi kwalifikat bil-mezz , valur u hin. B'dana kollu minkejja li l-Qrati kienu klementi mieghu w lliberawh bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fiz-zewg sentenzi , hu infexx f'sensiela ta' serq iehor ta' vetturi w r-reati l-ohra li wassluh biex jiffaccja l-akkuzi odjerni .

Illi umbaghad anki wara li gie akkuzat f'dan il-process , fis-16 ta' Novembru, 1983, xorta wahda kompla bil-hajja refrattarja tieghu w sahansitra rega' gie misjub hati ta' serq ta' mutur kommess f'Ottubru 1984 , serq aggravat bil-valur u mezz ta' diversi oggetti kommess fi Frar, 1989 , korruzzjoni ta' minorenni kommess fil-1993 li ghalih gie sentenzjat ghal tlitt snin habs minn din il-Qorti diversament preseduta, offizi tal-pudur u l-morali kommess f' Dicembru, 1996 , griehi gravi fuq persuna w attakk u rezistenza kontra membri tal-Korp tal-Pulizija, kommessi f'Jannar , 2001 u diversi reati ohra ta' glied , ragjon fattasi u konnessi mas-sewqan bl-ahhar sentenza tinghata fil-21 ta' Jannar, 2002 . Ghalhekk jidher li dan l-appellant ma ha ebda lezzjoni minn dan il-process u minkejja l-opportunitajiet li kien inghata ghall-aktar minn darba mill-Qrati biex jirriforma ruhu ,hu baqa' ghaddej bil-hajja kriminuza tieghu proprju sa dawn l-ahhar xhur. Fil-kaz ta' dan l-appellant instab ukoll hati mill-ewwel Qorti talli kiser il-kondizzjoni tal-liberta' kondizzjonata

akkordata lilu mill-Qorti tal-Magistrati fl-24 ta' Gunju, 1983 wara li kien instab hati ta' reat ta' serq kontinwat .

L-uniku attenwant li kellu dan l-appellant u li l-Ewwel Qorti haditu in konsiderazzjoni fis-sentenza appellata kien il-fatt li meta ikkommetta r-reati n dizamina kien ghadu minorenni ghax kellu sbatax il-sena w erba xhur u ghalhekk kellu jibbenefika minn tnaqqis tal-piena kif kontemplat fl-art. 37 tal-Kap. 9. , pero' anki b'dan l-attenwant b'kollox xorta kien passibbli ghal kundanna massima ta' hdax il-sena prigunerija u dana bl-applikazzjoni tal-beneficcju tal-konkors tal-pieni kif mahsub fl-art. 17 (b) tal-Kap.9. .

Dawn il-fatturi kollha jridu jittiehdu n konsiderazzjoni meta din il-Qorti tghaddi biex tiddeciedi definittivament dwar il-piena aktar 'l isfel f'dis-sentenza .

*******

Illi dwar il-piena , t-tlitt appellanti ghamlu emfasi fuq il-fattur tat-trapass taz-zmien li ghadda bejn meta huma gew akkuzati bir-reati dedotti kontra taghhom u bejn meta issa din il-Qorti ser tippronunzja is-sentenza definittiva w iccitaw ukoll xi sentenzi kemm ta‘ din il-Qorti diversament preseduta kif ukoll tal-Qorti Kriminali fejn dan il-fattur ittiehed in konsiderazzjoni .

Issa apparti li kif gje spjegat aktar il fuq f' din is-sentenza l-appellanti jew uhud minnhom kienu huma stess il-kagun ta' parti miz-zmien li fih twal il-process , il-fattur tat-trapass taz-zmien ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta' kriminali tal-hati (ara . Ir-Republika ta' Malta vs. Joseph Attard (24.7.2000) u r-Republika ta' Malta vs. Joseph Attard u Angelo Attard (24.7.2000) )

Jista' pero ' f'xi kazi jigi konsidrat ghall-fini tal-piena kif gie ritenut fil-kazijiet appena citati u kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza "Il-Pulizija vs. Geoffrey Azzopardi" (29.1.2001) ghalkemm f'din l-ahhar sentenza l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti biex varjat il-

piena ma kienux limitati biss ghal dik tat-trapass taz-zmien imma kienu ukoll bazati fuq motivazzjoni ohra.
Illi fil-fehma ta' din il-Qorti t-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma . Il-bqija tkun ingustizzja li xi hadd jibbenefika minn tul ta' zmien zejjed fil-process specjalment jekk dak it-tul ikun in toto jew in parti kagunat jew provokat minnu stess - kif gara f'dan il-kaz u dana a skapitu ta' dawk l-akkuzati li l-process taghhom jinqata' aktar malajr ghal raguni jew ghal ohra.

Illi f'dan il-kaz , din il-Qorti , anki kieku trid, hija prekluza mill-artikolu 28A (7) (b) milli tapplika fil-konfront ta' xi wiehed jew aktar mill-appellanti d-dispozizzjonijiet tas-sentenza sospiza, w dana ghaliex it-tlieta li huma gew misjuba hatja tal-addebitu tar-recidiva a tenur tal-artikolu 50 tal-Kap.9 .

Inoltre peress li t-tlitt appellanti instabu ukoll hatja taht l-artikolu 3 (1) tal-Kap.66 (L-Arms Ordinance) , skond id-dispozizzjoni tal-Art. 27 tal-istess ligi , invokat mill-Avukat Generali fl-artikoli minnu indikati u citat ukoll mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata , il-Qorti hija prekluza milli tapplika d-dispozizzjonijiet ta' l-Att dwar il-Probation ta' Hatjin u ta' l-artikolu 21 tal-Kodici Kriminali fir-rigward tar-reati taht dik l-Ordinanza u peress li l-piena li inghatat mill-Ewwel Qorti kienet wahda kumulattiva mhux possibbli ghal din il-Qorti li tispezzettha u tara liema parti mill-piena kienet dik ghar-reat taht l-Ordinanza - li wahdu seta' anki wassal ghal piena massima ta' erba snin prigunerija - u liema ghal reati ohra.

Stabiliti dawn il-parametri li jirregolaw lil din il-Qorti fl-applikazzjoni tal-piena jibqa' biss il-possibilita' tal-piena karcerarja fil-kaz tat-tlitt appellanti .

Illi din il-Qorti pero' tara li kellha ssir distinzjoni fil-piena bejn l-appellanti odjerni li tkun tirifletti il-htijiet rispettivi taghhom u xejriet ta' riforma o meno li kull wiehed minnhom wera tul it-trapass taz-zmien tal-process . Ibda

biex fil-waqt li l-appellanti John Bugeja u Loreto Bonello nstabu hatja ta’ mhux inqas minn tlieta u ghoxrin (23) serqa , l-appellant Nicola Farrugia kien involut biss fi tlitt serqiet. Inoltre , fil-waqt li l-ewwel zewg appellanti , kif jidher mill-fedina penali aggornata taghhom , jidher li ftit li xejn tghallmu mill-esperjenza taghhom f’dan il-process u komplew bil-hajja zregolata taghhom , l-appellant Farrugia jidher li minn snin ’l hawn ingabar f’familja stabbli u taha ghax-xoghol bhala “self employed” u qabad sew it-triq tar-riforma tieghu u l-ahhar li ikkommetta xi reat serju kien fil-1985 .

Sfortunatament l-istess ma jistax jintqal dwar iz-zewg appellanti l-ohra li ma urew ebda sinjal notevoli ta’ riforma fil-kors tal-iter twil ta’ dan il-process , anzi kisru l-fiducja li l-Qrati poggew fihom f’certi okkazzjonijiet meta instabu hatja ta’ reati ohra.

********

Ghal dawn il-motivi , din il-Qorti qed tilqa’ l-appell tal-appellant Nicholas Farrugia , limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata w dana billi tirrevokha in kwantu sabet lill-appellant hati ta’ sewqan bla licenzja u bla polza tas-sikurta’ w in kwantu kkundannatu piena komplessiva ta’ hames snin prigunerija w minnflok issibu mhux hati ta’ dawn iz-zewg akkuzi u tikkundannah ghall-piena ta’ prigunerija ghal tlitt snin u sitt xhur li minnhom iridu jitnaqqas kull periodu li dan l-appellant ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni mar-reati li taghhom instab hati u tikkonfermha in kwantu instab hati tar-reati l-ohra kollha msemmija fis-sentenza appellata, bl-addebitu tar-recidiva u in kwantu ikkundannatu ihallas terz tal-ispejjez tad-dokumenti a fols. 70 u 151 tal-process.

Ghall-istess motivi din il-Qorti qed tichad l-appell tal-appellant John Bugeja u tikkonferma is-sentenza appellata fl-intier taghha.

Ghall-istess motivi din il-Qorti qed tilqa’ l-appell tal-appellant Loreto Bonello limitatament billi tirriforma s-sentenza appellata u dana billi tirrevokha in kwantu

sabet lill-appellant hati ta’ sewqan ta’ vettura bla licenzja w minghajr polza tas-sikurta’ u ssibu mhux hati taghhom , pero’ stante li ma jidhirx mis-sentenza appellata li hu inghata xi piena ghal dawn iz-zewg reati , u stante li ghal motivi fuq esposti fid-dettall , ma hemmx raguni ghala din il-Qorti ghandha tvarja l-piena nflitta mill-Ewwel Qorti , tikkonferma is-sentenza appellata fil-bqija taghha kemm ghal dak li jirrigwarda d-dikjarazzjoni ta’ htija tar-reati l-ohra bl-addebitu tar-recidiva , d-dikjarazzjoni li kiser il-kondizzjoni tal-liberta’ kondizzjonata akkordata lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fl-24 ta’ Gunju, 1983 , fejn kien instab hati ta’ serq kontinwat kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-piena nflitta u l-kundanna ghal terz mill-ispejjez tad-dokumenti a fols. 70 u 151 tal-process .

Ghall-fini tal-art. 10 (b) tal-Kap.152 , il-Qorti tordna li l-appellant Loreto Bonello jintbaghat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali li minnha l-ordni ghall-liberazzjoni taht kondizzjoni kien maghmul bis-sentenza tal-24 ta’ Gunju, 1983 biex tittratta mieghu skond il-ligi .

Fl-ahhar nett din il-Qorti tordna li kopja intiera ta’ din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Facilita’ Korrettiva ta’ Kordin sabiex , jekk hu l-kaz, hu jikkalkola kull mahfra presidenzjali u/jew indulgenza vigenti li it-tlitt appellanti jistghu ikunu intitolati ghalihom skond il-ligi .

(ft) Joseph G. Galea Debono

2.10.2002.

Paul Miruzzi
Assistant Registratur